MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 341/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Scicluna  talli:

1) Fis-7 ta' Marzu 2002 u fid-dati precedenti, fil-Floriana jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali u cioe` offerti ghal tender tal-Gvern, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet,

disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2) Fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe` offerti ghal tender tal-Gvern;

3) Fl-istess cirkustanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imsemmi Joseph Scicluna ghall-hlas ta' l-ispejjez li jkolhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Dicembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Joseph Scicluna hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ghalhekk illiberatu minn tali imputazzjonijiet;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-16 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' l-appellat ipprezentata fit-22 ta' Frar 2006;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali huwa illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Dan l-

aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w**

**evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Issa, l-appellant jghid illi mill-provi jirrizulta li l-persuni li fethu t-tender documents ma sabux nota fuq id-dokumenti li kienet tipprovdi ghal skont ta' hamsa fil-mija ("5% discount") u lanqas l-impjegati li b'xi mod kienu hadu xi sehem fil-process kollu ma kienu jafu b'tali "discount". L-appellant jghid illi kien meta l-appellat staqsa, "li minn imkien instabet in-nota tad-discount" (*sic!*). L-appellant ghalhekk isostni illi stante li l-appellat ammetta li hu kien kiteb in-nota, din bil-fors inkitbet wara l-ftuh ta' l-offerti u b'hekk il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti hija zbaljata.

Da parti tieghu l-appellat jghid illi l-prosekuzzjoni kellha tipprova oltre kwalunkwe dubbju ragjonevoli li huwa kien b'xi mod irnexxilu jiehu u jbiddel id-dokumenti minn taht idejn id-Dipartiment u ad insaputa taghhom, izda minflok il-prosekuzzjoni uriet illi ma kienx possibbli ghalih li jikteb fuq dawn id-dokumenti peress illi dejjem baqghu taht is-sorveljanza tad-Dipartiment. L-appellat isostni illi l-fatt li ebda wiehed mill-impjegati tad-Dipartiment ma kien ra l-kliem rigwardanti d-"discount" miktubin fuq id-dokumenti mhijiex prova konklussiva taz-zmien meta nkitbu l-kliem in kwistjoni. Skond l-appellat, il-prova tal-prosekuzzjoni tistrieh biss fuq l-eskluzjoni ta' l-izball uman. Kif jista', isaqsi l-appellat, wiehed jasal ghall-eskluzjoni tant tassattiva li twelled certezza li dak li gara ma kienx frott ta' zball ta' min kien qieghed jivverifika d-dokumenti izda ta' ghemil doluz u qarrieqi da parti ta' persuna ohra?

Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti immotivat il-konkluzjoni taghha hekk:

**"Illi mill-provi prodotti ma jirrizulta ebda mument fejn l-imputat kellu access ghal dan l-inkartament u jekk it-tezi tal-prosekuzzjoni hi korretta allura l-imputat kellu jikteb dawk il-kelmiet wara li l-offerti nfethu. Fl-atti ta' din il-kawza ma hemm ebda prova li tavalla tali tezi. Hemm il-kelma ta' l-imputat kontra kulhadd. Hu l-kompitu tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha**

**minghajr ebda dubju u hawnhekk hemm dubju serju li ghandu jmur favur l-imputat. Din il-Qorti mhix qed tghid li l-persuni kollha li xehdu xehdu l-falz. Xejn minn dan. Qed jinghad li fic-cirkostanzi strambi ta' dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma gabitx dik il-prova rikjesta mil-ligi biex tinstab il-htija ta' l-imputat".**

Din il-Qorti fil-fatt ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-ewwel Qorti biex tara jekk dik il-Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni taghha li ma ssibx htija u b'hekk tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet dedotti, u frankament ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti setghet tikkonkludi mod iehor. Id-dubju ragjonevoli fit-tezi tal-prosekuzzjoni difatti johrog mill-fatt li minn kif xehdu l-persuni li kienu nvoluti fl-ezami tat-*tenders* u li ghandhom kienu d-dokumenti pprezentati mill-appellat, ma kienx possibbli li l-appellat ikollu access ghat-tender tieghu wara li kien ipprezentah u ma jistax jigi eskluz ghalhekk dak li l-appellat korrettement jirreferi ghalih bhala "l-izball uman" da parti ta' min ra tali dokumenti.

Konsegwentement l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------